**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 48/2014**

**Charles Mangion [K.I. numru 692660M] u Elaine Marie Mangion [K.I. numru 61703L]**

**vs**

**Jonas Galotta detentur tal-karta tal-identita' Svediza numru 82172250**

**Illum, 30 ta' Gunju 2016,**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi permezz ta’ skrittura privata datata 12 ta’ Frar 2013 (kopja annessa u mmarkata bahal Dok CM 1) ir-rikorrenti krew lill-intimat il-villa bl-isem ta’ ‘Four Winds’ sitwata fi Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, bil-*garage* anness mal-istess bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, u dan versu kera ta’ sitt elef euro (€6,000) fix-xahar ghal zmien sena b’effett mill-1 ta’ Lulju 2013;

2. Illi l-intimat naqas milli jhallas l-iskadenza ta’ kera ghax-xahar ta’ Gunju 2014 li tammonta ghal sitt elef euro (€6,000).

3. Illi inoltre l-intimat huwa obbligat li jhallas l-ammont ta’ erbat elef euro (€4,000) fix-xahar ai termini tal-Klawsola numru tlieta (3) tal-istess skrittura ta’ lokazzjoni.

4. Mandanakollu, l-intimat naqas milli jaghmel il-pagament akkont, li kien dovut fix-xahar ta’ Gunju 2014 ammontanti ghal erbat elef euro (€4,000).

5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma kredituri tal-intimat fl-ammont komplessiv ta’ ghaxart elef euro (€10,000).

6. Illi l-intimat indika li ma kienx ser ihallas l-ammont minnu dovut kif premess.

7. Illi in oltre, konsegwentement ghall-indempjenzi da parti tal-intimat ir-rikorrenti huma intitolati li jitolbu x-xoljiment l-iskrittura ta’ lokazzjoni *de quo* ai termini tal-ligi;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' ghaxart elef euro (€10,000) rapprezentanti in kwantu ghal sitt elef euro (€6,000) dovuti ghal arretrati ta' kera ghax-xahar ta' Gunju 2014, in kwantu ghal erbat elef euro (€4,000) dovuti ai termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal-iskrittura ta' lokazzjoni datata 12 ta' Frar 2013, li l-intimat naqas milli jhallas kif premess.

2. Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) dovuta mill-intimat lir-rikorrenti kif premess.

3. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-intimat huwa inadempjenti fit-twettieq tal-obbligi tieghu tal-iskrittura ta' lokazzjoni datata 12 ta' Frar 2013 ixolji l-istess skrittura ta' lokazzjoni;

4. Konsegwentement jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond 'Four Winds' sitwata fi Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq entro terminu qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kontestwalment prezentat, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-intimat li qed jigi minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bl-affissjoni u pubblikazzjoni ma rregistra l-ebda risposta.

Ra illi l-intimat baqa' ma deherx quddiem il-Bord biex jikkontesta t-talbiet attrici u ghalhekk huwa kontumaci;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta tad-29 t'Ottubru 2015, ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors promotur u li s-sitwazzjoni ghada l-istess bhal ma kienet meta giet intavolata l-kawza;

Ra illi fis-seduta tas-7 ta' April 2016, saret trattazzjoni mir-rikorrenti u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimat jigi dikjarat debitur fis-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000), li l-intimat jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma, li l-kuntratt jigi dikjarat xolt minhabba inadempjenza u li l-intimat jigi zgumbrat mill-imsemmi fond.

Illi l-intimat, minkejja li debitament notifikat, naqas li jidher quddiem il-Bord biex jaghmel id-difiza tieghu u naqas ukoll milli jipprezenta risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk huwa kontumaci.

Illi fis-seduta tad-29 t'Ottubru 2015, ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors promotur u li s-sitwazzjoni ghadha l-istess bhal ma kienet meta giet intavolata l-kawza;

Illi ghalhekk mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament. U ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' xahar mil-lum.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur